REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/120

tal-24 ta' Jannar 2017

dwar id-derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fl-Anness II tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, fuq in-naħa l-oħra, li japplikaw għall-kwoti ta' ċerti prodotti mill-Ekwador

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni (UE) 2016/2369 ([2]), il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù, fuq in-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tal-Ekwador ("il-Protokoll"). Skont id-Deċiżjoni (UE) 2016/2369, il-Protokoll irid jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu. Il-Protokoll japplika fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2017.

(2) L-Anness II tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva. Għal għadd ta' prodotti, l-Appendiċi 2 A ta' dak l-Anness jipprevedi derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti f'dak l-Anness fil-qafas tal-kwoti annwali. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk id-derogi għall-importazzjonijiet mill-Ekwador.

(3) Il-kwoti stabbiliti fl-Appendiċi 2 A tal-Anness II tal-Ftehim jenħtieġ li jiġu ġestiti mill-Kummissjoni abbażi tal-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([3]).

(4) L-intitolament li wieħed jibbenefika mill-konċessjonijiet tariffarji jenħtieġ li jkun soġġett għall-preżentazzjoni tal-prova tal-oriġini rilevanti lill-awtoritajiet doganali.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni mingħajr intoppi tas-sistema tal-kwoti stabbilita bil-Protokoll, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data bħal dik tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fl-Appendiċi 2 A tal-Anness II tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), għandhom japplikaw għall-kwoti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2369 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador (ĠU L 356, 24.12.2016, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

Artikolu 2

Sabiex jibbenifikaw mid-derogi stabbiliti fl-Artikolu 1, il-prodotti elenkati fl-Anness għandu jkollhom magħhom prova tal-oriġini kif stabbilit fl-Anness II tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-kwoti stabbiliti fl-Anness għandhom jiġu ġestiti f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Minkejja r-regoli tal-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti jrid jitqies li ma għandux iktar minn valur indikattiv. Fil-kuntest ta' dan l-Anness, l-iskema preferenzjali hija ddeterminata bil-kodiċijiet NM kif jeżistu fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Numru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor)
09.7501	3920	Pjanċi, folji, film, fojl u strixxi oħrajn, ta' plastiks, mhux ċellolari u mhux rinfurzati, laminati, mirfudin jew ikkombinati b'mod simili ma' materjali oħrajn	1.1.-31.12.	15 000
09.7502	6108 22 00	Qliezet ta' taħt tan-nisa jew il-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, b'fibri sintetiċi	1.1.-31.12.	200
09.7503	6112 31	Malji tal-għawm tal-irġiel jew is-subien, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, b'fibri sintetiċi	1.1.-31.12.	25
09.7504	6112 41	Malji tal-għawm tan-nisa jew il-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, b'fibri sintetiċi	1.1.-31.12.	100
09.7505	6115 10	Maljerija b'kompressjoni gradwata (pereżempju, kalzetti għall-vini varikużi), maħdumin bil-labar jew bil-ganċ	1.1.-31.12.	25
09.7506	6115 21 00	Pantyhose u tajts oħrajn, ta' fibri sintetiċi, b'qies ta' kull ħajta inqas minn 67 deċitexs, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ	1.1.-31.12.	40
09.7507	6115 22 00	Pantyhose u tajts oħrajn, ta' fibri sintetiċi, b'qies kull ħajta ta' 67 decitex jew iktar, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ	1.1.-31.12.	15
09.7508	6115 30	Maljerija oħra tan-nisa t-tul kollu jew li tasal sal-irkoppa, ta' qies kull ħajta anqas minn 67 deċiteks, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ	1.1.-31.12.	25
09.7509	6115 96	Maljerija oħra, ta' fibri sintetiċi, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ	1.1.-31.12.	175
09.7510	7321	Fuklari, stufi, gradilji, kukers (inklużi dawk b'kaldaruni sussidjarji għal tisħin ċentrali), barbikju, braċieri, ċrieki tal-gass, apparat għat-tisħin tal-platti u tagħmir simili tad-dar mhux tal-elettriku, u partijiet tagħhom, tal-ħadid jew tal-azzar	1.1.-31.12.	20 000 oġġett

Numru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor)
09.7511	7323	Oġġetti tal-mejda, tal-kċina jew oġġetti oħrajn tad-dar u partijiet tagħhom, tal-ħadid jew tal-azzar; fibri tal-ħadid jew tal-azzar; barraxa tal-borom u pads tal-brix jew l-illostrar, ingwanti u oġġetti simili, tal-ħadid jew tal-azzar	1.1.-31.12.	50 000
09.7512	7325	Oġġetti oħrajn ikkastjati tal-ħadid jew tal-azzar	1.1.-31.12.	50 000